# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Lulju 2002**

**Avviz. numru 430R/02**

**Numru 2**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 1210/2002 mahrug fit-22 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet:**

**Annemarie Zammit gja Galea**

**vs**

**Donald Galea, karta tal-identita numru 496355(M), iben Albert u Doris nee Portanier, imwieled tas-Sliema**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami, presentat mill-imsemmi Donald Galea u li bih, wara li ippremetta :

1. Illi l-intimata talbet u otteniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi in ezekuzzjoni tat-titolu taghha ghall-hlas tas-somma ta' mija u tnejn u hamsin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm152.35).

2. Illi 't-titolu" vantat mill-istess intimata fir-rikors taghha promotorju gie minnha deskritt illi huwa "Ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' tal-11 ta' Dicembru 2001 illi gie esekuttiv….." Minn daqshekk jirrizulta illi l-mandat hekk spedit huwa null u ghandu jigi revokat, ghaliex l-Artikolu 275(2) tal-kapitolu 12 – applikabbli ghall-mandati ta' sekwestru bl-operazzjoni tal-Artikolu 379 jghid illi – "Meta t-titolu esekuttiv ma jkunx sentenza tal-Qorti li lilha ssir it-talba, kopja ta' dan it-titolu <u>u ta' l-att li bih tkun saret is-sejha ghall-hlas</u>, meta din is-sejha hija mehtiega taht l-artikolu 256, ghandha tingieb flimkien mat-talba". Illi kopja tal-imsemmija sejha ma gietx esebita mat-talba ghall-hrug tal-mandat odjern.

3. Illi fit-tieni lok, jigi rilevat illi nonostante ir-reticenza tal-intimata fir-rigward tan-natura preciza tal-pretenzjoni taghha, l-esponent jaf illi l-intimata qeghda tezegwixxi t-titolu minnha pretiz ghall-hlas tal-manteniment ghat-tfal minuri tal-kontendenti. L-esponent jhoss illi jkun utili jaghti taghrif dwar il-fatti anticedenti l-hrug ta' dan il-mandat.

i) Illi kif jirrizulta mill-att notarili ta' separazzjoni ezebit fl-atti tal-mandat, il-kontendenti ghandhom tlett itfal minuri illi baqghu fil-kura kongjuntiva tal-kontendenti, bl-intendiment pero' illi l-istess tfal minuri kellhom jghixu principalment ma' ommhom

ii) Illi fl-istess kuntratt, l-esponent obbliga ruhhu illi jivversa lil martu is-somma ta' Lm250 fix-xahar bhala l-manteniment tal-imsemmija tlett itfal minuri, stipulat fi tlett kwoti indaqs ghal kull wiehed u wahda mill-imsemmija tfal minuri.

iii) Illi l-intimata tahdem.

iv) Illi fi Frar 2002 gara illi t-tifla Nicola Galea, bint l-esponent tkecciet mid-dar mill-intimata u marret tghix ma' missierha l-esponent, Dan il-fatt ovvjament jincidi fuq l-ammont ta' manteniment pagabbli mill-esponent. L-intimata irragunat illi ghaliex it-tifla ma baqghetx tghix maghha, kull ma kellu jigri kien illi l-manteniment pagablli mill-esponent ghall-htigijiet ta' Nicola kellha jitnaqqas filwaqt illi dak pagabbli ghall-htigjiet taz-zewgt itfal l-ohra – allura fis-somma ta' Lm166.66c – kellha tibqa' pagabbli. Il-matematika u r-

ragunament tal-intimata huma fis-semplicita taghhom attrajenti biss jinjoraw il-fatt illi l-intimata tahdem u ghanda obbligu tmantni lil uliedha ukoll, Ir-retta alimentarja fil-kuntratt ta' separazzjoni giet stabbilita mill-partijiet – illi allura huma t-tnejn kapaci u obbligati jmantnu lil uliedhom – wara illi ttiehed kont tal-fatt illi jghixu mal-intimata kien hemm tlett itfal waqt illi jghixu mal-esponent ma kien hemm hadd. Ghalhekk bil-moviment tat-tifla mill-omm ghall-missier, gara illi kull parti issa qeghda zzomm u tmantni minuri, b'mod allura ghalhekk l-pretenzjonjiet tal-konjugi kontra xulxin f'dan ir-rigward jeliminaw lil xulxin, filwaqt illi l-manteniment stabbilit fl-imsemmi kuntratt bhala pagabbli ghall-htigijiet tat-tielet minuri kellu jibqa' pagabbli mill-esponent.

4) Illi minn daqshekk huwa car illi l-intimata qeghda tittenta tezegwixxi dritt ta' hlas illi ma huwiex moghti lilha fil-kuntratt ta' separazzjoni illi skond hi huwa it-titolu esekuttiv taghha.

Talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna r-revoka tal-istess mandat ta' sekwestru numru 1210/2002 fl-ismijiet fuq premessi ai termini tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Ra r-risposta tal-intimata (fol 23 sa fol 27) tal-atti) u li biha hi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors ta Donald Galea li permezz tieghu qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1210/2002.

2. Illi l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:

Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datata 11 ta' Dicembru 2001 liema kuntratt gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Burlo'.

Illi ai termini tal-imsemmi kuntratt, senjatament l-artikolu 3, ir-ragel kien intrabat illi jhallas lill-esponenti s-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) fix-xahar bhala manteniment ghat-tlett itfal taghhom.

Illi fi Frar ta' din is-sena it-tifla l-kbira iddecidiet illi tmur tghix ma missierha, u ghalhekk, fuq suggeriment tar-ragel, il-manteniment gie ridott b'terz u cjoe sar ta' Lm166.66 fix-xahar u cjoe manteniment ghaz-zewg itfal illi baqghu jghixu mal-mara.

Illi f'Marzu 2002 fil-fatt r-ragel hallas is-somma ta' Lm166.66 bhala manteniment.

Illi f'April 2002 r-ragel naqas milli jhallas l-manteniment ghat-tfal, kif naqas ukoll f'Mejju u f'Gunju 2002.

Illi fit-12 ta' April 2002 l-esponenti ppresentat ittra ufficjali fejn interpellat lir-ragel sabiex jhallas is-somma ta' Lm166.66 ai termini tal-kuntratt kif ukoll infurmat lir-ragel illi hija kienet qeghda trendi l-imsemmi kuntratt pubbliku titolu esekuttiv ai termini tal-ligi.

Illi r-ragel gie notifikat bl-isemmija ittra ufficjali.

Illi sussegwentement u cjoe fit-22 ta' Mejju 2002 l-esponenti ppresentat mandat ta' sekwestru esekuttiv u cjoe dak bin-numru 1210/2002.

3. Illi preliminarjament fir-rikors tieghu r-rikorrent qieghed jissottometti illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni huwa null u ghandu jigi revokat u dana billi l-esponenti naqset milli

tippresenta kopja tal-att li bih tkun saret is-sejha ghall-hlas u cjoe l-ittra ufficjali u dana ai termini tal-aritkolu 275(2) tal-Kap 12.

4. Illi l-esponenti esebiet kopja tal-kuntratt relattiv mal-mandat, izda mhux certa jekk kopja tal-ittra ufficjali giet esebita ukoll, u f'dan il-kaz dina l-ommissjoni zgur illi saret bi zvista.

5. Illi bir-rispett kollu anki jekk kellu jirrizulta illi l-imsemmija ittra ufficjali ma gietx ppresentata mal-mandat odjern, dan il-fatt zgur illi ma jgibx mieghu n-nullita' tal-att gudizzjarju, u dana ukoll billi l-artikolu 275 (2) tal-Kap.12 ma jghidx illi f'kaz illi ma tigix esebita kopja tal-ittra ufficjali l-mandat jigi null.

6. Illi rigwardanti n-nullita' ta' atti gudizzjarji wiehed ghandu jirreferi ghall-artikolu 789 tal-kap 12. L-imsemmi artikolu, senjatament is-subartikolu (1) © jiddisponi illi: jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtieg mill-ligi, ukoll jekk mhux taht pieni ta' nullita', kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita', pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat allura l-att irid jigi annullat – imma jekk dak il-pregudizzju jista' jissewwa – l-att ghandu jigi salvat. Dan huwa konformi mal-massima guridika li kull fejn meta huwa possibbli l-atti gudizzjarji ghandhom jigu salvati, u ghandhom jigu annullati

BISS meta l-ligi timponi n-nullita' jew meta dan huwa indispensabbli minhabba l-pregudizzju li l-irregolarita' tkun irrekat lill-parti l-ohra. (Oliver Agius noe vs Joseph Gatt 1169/88 APP – Decisa 4 ta' Frar 1991).

7. Illi kien gie deciz mill-Qrati taghna illi huwa opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita' u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjes zejda ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji. (Guido J. Vella A&CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D. 147/88/APP – Deciz 4 ta' Novembru 1991).

8. Illi l-Qorti tal-Appell,ghallmet fl-istess sentenza Guido J Vella A & C.E. vs. Dr Emanuel Cefai LL.D. deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 1991 illi:

> *'In-nullita li qed jipprospetta l-konvenut, billi mhix wahda li hija dikjarata espressament mill-ligi – art 789(1)(a) tal-Kap 12 – trid tkun wahda li hija necessarja ghaliex holqotlu pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-atti jigi annullat – art 789 (1) (c) Kap.12 – jew ghaliex l-att nieqes minn xi partikolarita' essenzjali mehtiega mill-ligi*

*espressament – art 789 (1) (d) u dan juri illi n-nullita' tal-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.*

9. Illi l-principju hawn fuq imsemmi gie kkonfermat mill-Qrati taghna anki f'sentenza aktar recenti, Guillaumier Industries Ltd vs Reginald Fava et deciza fit-28 ta' Ottubru 1998 (Citazz 831/97/RCP), il-Qorti irriteniet:

*'……. biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid jkun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkun defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu u sabiex dan isir tali citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha'.*

U f'Michael Attard nomine vs Raymond Galea deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju 1998, fejn inghad li:

*'Illi bhala regola, skond il-gurisprudenza ormai stabilita', l-atti kemm jista jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-meritu tal-kaz. Illi kif gie ritenut minn*

*dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza'.*

10. Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, u in partikolari l-artikolu 175 tal-Kap. 12, huma immirati proprio ghalhekk, ghaliex huwa palez li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalemnt biss b'decizjoni fuq l-punt sostantiv tal-kawza, u dak huwa li l-partijiet reali jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-proceduri jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spjegattiv ghall-konferma tieghu, u dan entro l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abuzat Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli d-dritt procedurali jiehu s-soppravvent fuq id-dritt sostantiv b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva esekuzzjoni u implimentazzjoni tal-gustizzja skond il-ligi.

11. Illi ghalhekk ai termini tas-suespost it-talba ghan-nullita' tal-mandat ta' sekwestru odjern ghandha tigi michuda.

12. Illi fit-tieni lok r-rikorrent qieghed jitlob r-revoka tal-mandat ta' sekwestru odjern ai termini tal-artikolu 283A tal-kap. 12 u dana

billi qieghed jissottometti illi l-esponenti qeghda tittenta tezegwixxi dritt ta' hlas illi ma huwiex moghti lilha fil-kuntratt ta' separazzjoni.

13. Illi bir-rispett kollu l-esponenti ma tistax tifhem ir-ragunament illi qieghed jipprova jaghmel ir-rikorrenti, u ghalhekk ma tistax ma tasalx ghall-konkluzzjoni illi l-iskop ta' dawn il-proceduri huma semplicement sabiex ir-rikorrent ikompli jikkrea ostakoli kemm jiflah sabiex ma jhallasx jew ahjar jirrimanda l-hlas tal-manteniment illi huwa stess kien obbliga ruhu illi jhallas ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi.

14. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti senjatament l-artikolu 3 jghid:

> *'The husband hereby undertakes and obliges himself to pay unto his wife, by way of maintenance for the needs of the parties' said minor children the monthly sum of two hundred and fifty Maltese Liri (Lm250). The maintenance set out in this Article is payable monthly in advance with effect from the first (1$^{st}$) day of the month. The parties agree that the said obligation shall be regulated by the following terms and conditions:*

*i)* *……………………………..*

*ii)* *The maintenance set out in this clause is stipulated in equal portions for each minor child.*

15. Illi mid-dicitura tal-kuntratt in kwistjoni jidher car illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi r-rikorrent kellu jhallas is-somma ta' Lm250 fix-xahar bil-quddiem bhala manteniment ghat-tlett itfal tal-partijiet, u mis-subartikolu (ii) tal-artikolu 3 fuq ikkwotat, jidher car illi s-somma indikata bhala manteniment kellha tinqasam f'parti ugwali bejn it-tlett itfal, u cjoe Lm83.33 kull wiehed.

16. Illi ghalhekk ibbazat fuq l-imsemmi kuntratt ghandu jsegwi illi la darba fi Frar ta' din is-sena t-tifla tal-partijiet iddecidiet (u mhux tkecciet kif gie allegat mir-rikorrenti) illi tmur tghix ma missierha, wiehed ghandu jnaqqas Lm83.33 fix-xahar rappresentanti sehem it-tifla ghall-manteniment ai termini tal-istess kuntratt, u b'hekk jibqa' bilanc ta' Lm166.66 li huwa dovut mir-rikorrent bhala manteniment ghaz-zewg itfal illi ghadhom jghixu ma' l-omm, li huwa l-ammont li r-ragel gie mitlub ihallas.

17. Illi r-rikorrent sostna illi 'l-matematika u ragunament tal-intimata huma fis-semplicita' taghhom attrajenti biss jinjoraw il-fatt illi l-

intimata tahdem u ghandha obbligu tmantni li uliedha ukoll'. Li nesa jghid pero r-rikorrenti huwa illi l-imsemmija matematika kien huwa stess illi hareg biha; tant hu veru illi f'Marzu ta' din is-sena, u cioe meta allura it-tifla kienet diga' qeghdha tghix mieghu, huwa hallas is-somma ta' Lm166.66 bhala manteniment. Kien biss f'April illi misterjozament r-rikorrent rega bdielu u hareg b'teorija gdida li ai termini tal-istess teorija huwa mhux obbligat illi hallas Lm166.66 bhala manteniment.

18. Illi bir-rispett kollu l-kuntratt ta' separazzjoni jitkellem car u zgur illi ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. Ir-rikorrent, ai termini tal-kuntratt, intrabat illi jhallas is-somma ta‘ Lm83.33 fix-xahar ghal kull tifel u tifla illi ghandhom, filwaqt illi l-esponenti ma intrabtet illi thallas xejn bhala manteniment, u allura la darba hemm zewgt itfal jghixu mal-esponenti ghandu jsegwi illi huwa ghandu jhallas is-somma ta‘ Lm166.66 fix-xahar. F'kaz illi r-rikorrent jhoss illi huwa qieghed jigi b'xi mod pregudikat mill-fatt illi llum it-tifla tal-partijiet marret tghix mieghu allura ghandu d-dritt illi jintavola proceduri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex ivarja l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, haga illi sallum r-rikorrent ma ghamilx.

19. Illi ghalhekk ibbazat fuq il-premess jidher car illi rikors odjern huwa frivolu u vessatorju u sar biss ghar-ragunijiet ta' pika, u

sabiex l-istess rikorrent jittardja kemm jiflah il-hlas tal-manteniment ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Dicembru 2001.

Ghalhekk ai termini tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes filwaqt illi tikkonferma l-mandat ta' sekwestru numru 1210/2002 fl-intier tieghu, u dan jsir taht dawk il-provvedementi kollha illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi permezz tar-rikors in desamina, ir-rikorrenti qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv hawn fuq imsemmi permezz tal-procedura stipulata fl-artikolu 283A tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi tali revoka qed tintalab fuq zewg premessi, kif ser jinghad:-

1. Ir-rikorrenti jirritjeni li l-istess mandat hu formalment null in vista li ma giex osservat dak imsemmi fl-artikolu 275(2) tal-istess Kapitolu 12 fejn jinghad illi talba sabiex jinhareg att esekuttiv, ghandha issir b'rikors. Inoltre f'kaz ta' titolu esekuttiv li ma jkunx sentenza tal-Qorti (ara l-artikolu 253 (b) (c) u (d) tal-istess Kodici) mal-istess talba li ssir ghandhom jigu anessi kopja tat-titolu esegwibbli involut (f'dan il-kaz l-att publiku a fol 7 tal-istess atti) u tal-atti gudizzjarju li bih tkun saret is-sejha ghall-hlas.

   Illi, in rigward dan, ghandha ssir referenza ghall-artikolu 256(2) ibid li jistipula ulterjorment li f'kaz ta' titolu esekuttiv bhal dak in desamina l-esekuzzjoni ta' dan ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas minn notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.

   Illi ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru in desamina gie presentat fit-22 ta' Mejju 2002, akkordat mill-Qorti fl-24 ta' Mejju 2002 u mieghu gew annessi kopja tal-att publiku msemmi flimkien ma taxxa tal-ispejjes in konnessjoni mal-ittra ufficjali hemm specifikata. Pero ma gietx annessa kopja tal-istess ittra ufficjali.

   Illi, mill-istess atti, jidher li, filfatt qabel ma gie mitlub il-hrug tal-istess mandat l-intimata kienet prezentat ittra ufficjali (fol 30 ta'

dawn l-atti) u li bih hi interpellat lir-rikorrenti sabiex jhallas lilha fiz-zmien tlett ijiem is-somma ta' Lm166.66,0 dovuta 'qua' manteniment ghax-xahar ta' April 2002 ghaz-zewgt itfal minuri li jghixu mal-istess intimata u dan filwaqt li saret referenza ghall-istess kuntratt ta' separazzjoni. Skond kif risultanti a fol 31 ta' dawn l-atti, din l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti, fil-post tax-xoghol ta' dan.

Illi, ghalhekk, mill-premess jidher li:

a) l-intimata ghamlet sejha ghall-hlas tas-somma involuta permezz ta' att gudizzjarju sabiex tirrendi esekuttiv l-att pubbliku in kwistjoni.
b) li hi, sussegwentement u wara li skada z-zmien stipulat mill-ligi ippresentat ir-rikors ghall-hrug tal-istess mandat.

Illi, pero hu minnu, ukoll, li mal-istess rikors ma ppresentatx kopja tal-istess ittra ufficjali.

Illi, dawn dan il-Qorti, trid tara jekk tali mankanza hiex <u>ta' tali gravita</u> li, filfatt u oggettivamet, avvertat xi <u>pregudizzju</u> ghad-drittijiet legali tal-istess rikorrenti.  Wara li rat li:

a) kull ma huwa rikjest ‘ad validitatem’ sabiex att publiku jigi res esekuttiv jitkompla fil-presentata u notifika ta’ att gudizzjarju ossija sejjah ghall-hlas permezz ta’ ittra ufficjali kif ukoll il-presentata ta’ rikors wara li jiddekorru ghall-anqas, jumejn. L-intimata, filfatt, osservat dawn ir-rekwisiti. Ghalhekk l-istess Qorti ma tistax tara kif, a basi ta’ tali mankanza, tista tiddikjara null il-mandat in esami, wara li rat ukoll li r-rikorrenti ma sofra ebda pregudizzju bhala konsegwenza tal-istess nuqqas formali da parti taghha.

b) F’kaz ta’ tali mankaza, ‘in-nullita ‘ma hiex’ iddikjarata mill-ligi espressament’ u l-istess nuqqas jista’ jigi sanat, minghajr il-htiega li l-mandat kontestat jigi annullat (ara l-artikolu 789(1) (a) u (c) ibid) dwar dak li ghadu kemm gie premess). L-istess Qorti ma tistax tara kif il-mandat in esami jista’ jigi dikjarat null minhabba tali nuqqas minimu da parti tal-intimata.

2. Illi r-rikorrenti jirritjeni ukoll illi l-intimata “qeghdha tittenta tezegwixxi dritt ta’ hlas illi ma huwiex moghti lilha fil-kuntratt ta’ separazzjoni….” U ibbasa dan fuq dak premess f’paragrafu 3 tar-rikors promotur.

Illi dwar dan ghandu jigi premess dak li ser jinghad:-

a) Fl-istess paragrafu citat jinghad li r-rikorrenti ntrabat u obbliga ruhu li jhallas lil martu, l-intimata s-somma ta' Lm250 fix-xahar bhala manteniment ghall-bzonnijiet tat-tlett itfal minuri taghhom.

b) In rigward dan il-manteniment, fl-istess paragrafu jinghad 'the maintenance set in this clause is stipulated in equal portions for each minor child'.

c) Ma hux kontestat li wahda mill-istess tfal bdiet tirrisjedi mal-istess rikorrenti.

d) Bhala konsegwenza, jidher li b'operat ta' dak, premess, l-ammont dovut lill-intimata naqas b'terz u b'hekk l-ammont mensili dovut lilha naqas ghal Lm166.66.

e) Dan ma giex kontestat mill-intimata. In rigward ir-rikorrenti jidher li dan fil-bidu qabel ma dan u accetta dan l-istat ta' fatt. Pero, eventwalment, hu beda' jsostni illi ….. ' l-intimata tahdem u ghandha l-obbligu (li) tmantni lil uliehda ukoll'. Ghalhekk, minhabba li wahda mit-tfal marret tirrisjedi ma missierha ir-rikorrent a basi ta' kif analizza dan l-istat ta' fatt, jikkontendi li skond il-principju ta' 'jus superveniens' hu obbligat biss li jhallas

lill-intimata, manteniment vis-à-vis minuri wiehed biss ossija forma ta' tpacija.

f) In rigward dan ghandu, pero, jinghad illi:

i) din il-Qorti ma hix kompetenti, bl-ebda mod, li tvarja il-klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet involuti.

ii) l-intimata qed tikkontesta dak li jikkontendi ir-rikorrenti u l-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi dan il-punt certament ma hiex din il-Qorti.

iii) Bhala konsegwenza u a basi tal-istess kuntratt, 'rebus sic stantibus' ir-rikorrenti kien u ghadu obbligat li jhallas lill-intimata manteniment vis-à-vis zewgt itfal u b'hekk l-ammont ta' dan li ghandu jithallas mensilment, jammonta fil-present ghal Lm166.66,0.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Dep.Reg